# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(PC Samantha Kim Calleja)**

**Vs**

**Pierre Mizzi**

**Seduta tal-VAT**

Illum, 19 ta`Frar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Pierre Mizzi** imwieled fit-28 ta' Mejju, 1968, gewwa Malta u residenti 1, Orchidea, Triq Pietru Xuereb, Pieta', Malta detentur tal-karta tal-identita' numru 236768(M) [Il-Pup, 60, Triq l-Ifran,Valletta, Malta] akkuzat talli

Bhala direttur u ghan-nom u / jew in rapprezentanza ta' **THINK CATERING LIMITED (C 73383)** u / jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fl-**20 ta' Settembru, 2019** gewwa **RockSalt, Balluta, San Giljan, Malta,** rrizulta li jew int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, offrejt li tipprovdi servizz u / jew prodott lill-persuna ohra u / jew esponejt ghall-bejgh oggetti waqt li kont sporvvist minn *cash register* fiskali u / jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess Att.

Semghet ix-xhieda ta' Chris Spiteri fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2021;

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2021 l-imputat assistit minn Dr Charles Mercieca qed jecepixxi l-preskrizzjoni. Il-prosekuzzjoni ma taqbilx u l-Qorti decidiet billi ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2021;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' April, 2023 d-difiza iddikjarat li ma ghandiex provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat ix-xhiedha, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-</u>prosekuzzjoni

**Chris Spiteri**, VAT Inspector, xehed fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2021. Jixhed li f' Settembru, 2019 kienu ghamlu inspection gewwa ir-ROCKSALT, fejn talbu l-X reading lil Ms. Ivana Bakovich li hija impjegata fl-istabbiliment mis-sistema li kien hemm. Meta marru lura l-ufficju sabu li s-sistema kompjuterizzata tal-istabilment m'hijiex approvata minn naha tad- -dipartiment. Dan irrizulta mid-database tad-dipartiment.

Ix-xhud jezebixxi document mehud mid-database tad-dipartiment minn fejn jirrizulta li jkun hemm n-numru tal-VAT imma ma hemmx EXO number (Dok B, Dok C).

In kontro-ezami, ix-xhud jikkonferma li kienet spezzjoni sorpriza ta' rutina. Jikkonferma li ma sabu ebda' irregolarita fuq il-post u li dan li xehed fuqu irrizulta wara li ghamlu l-verifiki. Jikkonferma li l-impjegati ikkoperaw u li r-receipts Z reading inghataw lilhom.

Mistoqsi fejn normalment hemm indikat EXO number jirrispondi li dan ikun fejn il-VAT number. Ix-xhud jispjega;

“Xhud: Cash register mġhandux ghalfejn EXO number ghax hija fiskali minnha innifisha pero computerized system mhijiex fiskali bhal cash register  allura trid l-outlet irid japplika id-dipartiment permezz t`awditur u tal-programmer tal-computer biex id-dipartiment tawtorizza lil outlet u itih EXO number li tkun printed fuq il-VAT receipt.”

Mistoqsi dwar min fejn jirrizulta li s-sistema mhux approvata jirrrispondi

“Avukat: Din l-awtorizzazjoni ghandi nifhem sew issir mad-dipartiment, id-dipartiment izomm record taghha hux hekk?

Xhud: Hekk u.

Avukat: Allura kif dan ir-record juri li oggett huwa irregistrat jew kumpanija registrata ha juri li mhijiex registrata jekk mhijiex

Xhud: Hekk u.

Avukat: Issa dan il-log inti ghandek kopja biex ittina illum?

Xhud: Le meta ahna spezzjoni l-ewwel nett ma kienx l-EXO number printed fuq l-ircevuta fiskali allura minnha innifisha ga mhux fiskali.

Avukat: Hija indikattiva

Xhud: Hija indikattiva minbarra dan ahna ghandha Data Base

Avukat: Mhijiex konklussiva hux hekk?

Xhud: Mhijiex koklussiva setghet saret l-applikazzjoni pero ma gietx minn naha taghkom ma gietx printed programmata fuq il"

Mistoqsi jekk ghandux kopja tad-data base jew ghas-search li ghamel fuq dan id-database sabiex jigi muri jekk il-kumpanija hijiex registrata jew le jirrispondi li ma ghandux kopja tad-data base.

Ikkunsidrat,

F' dan il-kaz l-imputat gie akkuzat fil-vesti tieghu ta' direttur u ghan-nom u / jew in rappresentanza ta' Think Catering Limited (C 73383). Mix-xhieda irrizulta li l-akkuza hija li s-sistema komputerizzata fl-istabiliment RockSalt, Balluta, San Giljan, ma hijiex awtorizzata mid-dipartiment tal-VAT.

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxielex tipprova li l-imputat kien direttur tal-kumpanija fiz-zmien in ezami u gabitx l-aqwa prova. Il-prosekuzzjoni ezebiet dettalji tal-kumpanija li hija accessibbli online mill-Malta Business Registry. Fil-kamp penali l-artikolu 646 japplika

> "646.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce."

B' zieda ma dan l-anqas mal-prosekuzzjoni ma gabet l-ahjar prova dwar jekk is-sistema komputerizzata kienitx approvata mid-dipartiment tal-VAT jew le. Ir-rapprezentant tal-VAT xehed li l-prova li huwa tella ma hijiex wahda konklussiva. L-anqas ma gie ezebit

estratt mis-sistema li setghat tikkonferma b' mod konklussiv li s-sistema komputerizzata ma hijiex registrata.

Il-Qorti tikkunsidra li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ''l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat -artikoli partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess Att. issib lil imputat **Pierre Mizzi** mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**